


# Programm ta' Ħidma 2014 - nibnu għall-ġejjieni



Fl-2014, l-ECHA qiegħda tistabbilixxi l-pedament għall-ħames snin li ġejjin, biex tavvanza l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi. Fost il-prijoritajiet tagħha hemm l-identifikazzjoni tal-istadji neċessarji għall-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni REACH fl-2018; il-ħidma lejn li jintlaħħqu l-miri politiċi dwar l-użu sigur ta' sustanzi kimiċi fl-2020; u proċess ta' awtorizzazzjoni li jimxi ħarir ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC) u sustanzi u prodotti

bijoiċidali. L-Aġenzija ser issegwi wkoll ir-reviżjoni REACH tal-Kummissjoni.

Kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni Ewropea u mal-Organizzazzjonijiet Akkreditati tal-Partijiet Interessati tgħin lill-ECHA tilħaq il-miri strateġiċi tagħha.

## IL-MIRI STRATEĠIĊI TAL-ECHA

### 1. Li timmassimizza d-disponibbiltà ta' dejta ta' kwalità għolja sabiex ikunu possibbli l-manifattura u l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi

Biex ittejjebil-kwalità tad-dossiers tar-reġistrazzjoni l-ECHA, l-awtoritajiet nazzjonali u l-industrija jeħtieġ li jaħdmu flimkien. Din il-mira għal żmien twil tintlaħaq permezz ta' kombinazzjoni ta' azzjonijiet regolatorji ta' valutazzjoni u titjib f'metodi, standards u għodod għas-sigurtà kimika u l-komunikazzjoni tagħha fil-katina tal-provvista. Biex ittejjeb l-aċċess għad-dejtabejżis tagħha, l-ECHA ser taħdem ukoll fuq il-ġenerazzjoni li jmiss, aktar faċli biex tintuża mill-utenttal-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi tagħha.

Għall-iskadenza tar-reġistrazzjoni tal-2018ħafna impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ser jirreġistraw sustanzi għall-ewwel darba. L-ECHA qiegħda tistabbilixxi ppjanar multiannwali biex tirrevedi l-għodod u l-gwida tagħha għat-titjib tal-faċilità tagħhom ta' użu mill-utent biex tgħin lil dawn il-kumpaniji.

L-ECHA ser tqajjem kuxjenza tal-industrija sabiex ikunu konxji mid-dmirijiet tal-utent downstream tagħhom. Dan jinkludi d-dmir li tiġi kkomunikata l-informazzjoni tul il-katina tal-provvista, inklużi skedi ta' dejta ta' sigurtà aġġornati max-xenarji ta' esponiment.

L-Aġenzija ser tqajjem kuxjenza dwar l-obbligi għall-ittikkettarta' taħlitiet taħt ir-Regolament CLP (il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imbagg), li ser isiru obligatorji f'Ġunju 2015.

### 2. Li timmobilizza l-awtoritajiet biex jużaw id-dejta b'mod intelliġenti sabiex jidentifikaw u jindirizzaw sustanzi kimiċi ta' tħassib

Flimkien mal-Istati Membri u l-Kummissjoni, l-2014 ser tkun l-ewwel sena kompleta fejn l-ECHA timplimenta l-Pjan Direzzjonali ambizzjuż tal-SVHC lejn l-2020. Dan m'għandux jiffoka biss fuq SVHCs magħrufa iżda wkoll fuq dawk li għadhom għaldaqstant mhux magħrufa. L-identifikazzjoni tas-sustanzi mhux magħrufa ta' tħassib serju ħafna ser tkun ibbażata fuq l-iskrining avanzat tad-dejtabejż tar-reġistrazzjoni.

Fir-rigward tal-awtorizzazzjoni biex jintużaw SVHCs, l-ECHA għandha l-iskop li tiżviluppa opinjonijiet ta' kwalità għolja fi ħdan il-Kumitati tagħha dwar l-ewwel applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni.

Estimi għall-2014

#### Il-massimizzazzjoni tad-disponibbiltà ta' dejta ta' kwalità għolja

Dossiers tar-reġistrazzjoni ppreżentati	5 800
Deċiżjonijiet dwar proposti ta' ttestjar	200
Talbiet għal aċċess għal dejta ta' aktar minn 12-il sena	270
notifikazzjonijiet PPORD ippreżentati	300
Domandi	1 300
Appelli magħmula	23
Kontrolli fuq id-daqs tal-kumpanija	600
Talbiet għal isem alternattiv	100
Deċiżjonijiet dwar kontrolli ta' konformità	150
Proposti għal klassifikazzjoni u ttikkettar armonizzati	70

#### Il-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet sabiex jiġu identifikati u indirizzati sustanzi kimiċi ta' tħassib

Sustanzi fuq il-lista CoRAP li għandhom jiġu vvalutati mill-Istati Membri	50
Deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi	35
Proposti dwar ir-restrizzjoni	8
Proposti għal identifikazzjoni bħala SVHC	30
Applikazzjonijiet ta' awtorizzazzjoni	20





### 3. Tindirizza l-isfidi xjentifiċi billi sservi bħala nukleu għall-bini tal-kapaċità xjentifika u regolatorja tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u atturi oħra.

L-ECHA ser tkompli taħdem fuq il-kwistjoni ta' nanomaterjali biex tiżgura li n-nanomaterjali u l-użijiet tagħhom jiġu rreġistrati taħt REACH. L-Aġenzija ser tibda grupp espert biex isostni l-identifikazzjoni ta' sustanzi li jħarbtu l-endokrina.

Tiżviluppa barra minn hekkil-kompetenza xjentifika tagħha billi, tipprovdi konsulenza xjentifika lil-leġiżlatur dwar kwistjonijiet regolatorji ulterjuri li jirrelataw għas-sigurtà kimika.

### 4. Tħaddan kompiti leġiżlattivi preżenti u ġodda b'mod effiċjenti u effettiv, filwaqt li taddatta għal limiti ġodda fuq ir-riżorsi

L-ECHA ser tissimplifika l-proċessi regolatorji tagħha taħt REACH u CLP u ssir aktar effiċjenti u effettiva. Dan jgħin biex tassorbi t-tnaqqis fir-riżorsi riżervati għal din il-leġiżlazzjoni.

L-ECHA ser titgħallem ukoll mill-esperjenza tagħha biex tistabbilixxi proċessi intelliġenti u kompetittivi għar-regolamenti dwar il-Prodotti Bijoċidali u PIC. Fir-rigward tal-bijoċidi, l-aċċelerazzjoni tal-programm ta' reviżjoni jiddetermina s-suċċess tar-reġim ta' approvazzjoni tal-UE għal sustanzi attivi.

Estimi għall-2014

#### Talbiet għal informazzjoni

Domandi tal-uffiċċju tal-informazzjoni, ġenerali u tal-medja	6 000
--	-------

#### Kompiti leġiżlattivi ġodda: Bijoċidi u PIC

##### Bijoċidi

Opinjoniġiet dwar l-approvazzjoni ta' sustanzi attivi	50
---	----

Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tal-unjoni	20
---	----

Valutazzjonijiet għal fornituri ta' sustanzi attivi	300
---	-----

Valutazzjonijiet għal ekwivalenza teknika u similarità kimika	150
---	-----


##### PIC

Notifikazzjonijiet PIC	4 000
------------------------	-------



# PJAN TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-2014

- Korpi tal-ECHA
- Unità
- Direttur Eżekuttiv
- Persunal
- Direttorat



## L-ECHA MAD-DAQQA T'GĦAJN

- Madwar 600 persunal minn ħafna mill-pajjiżi tal-UE
- 4 kumitati xjentifiċi b'esperti minn 28 Stat Membru
- Forum 1 ta' awtoritajiet tal-infurzar nazzjonali
- baġit ta' € 119-il miljun għall-2014

Programm ta' Ħidma 2014  
[echa.europa.eu/publications](http://echa.europa.eu/publications)

